

3. It-tielet aggravju bbażat fuq żnaturament ta' element essenzjali tal-proċess, billi t-TSP qies li l-bord tal-għażla ma spiegax fħiex id-deċiżjoni tiegħu kienet differenti minn dik tal-bord tal-għażla preċedenti, meta l-Kummissjoni kkompletat b'mod ċar din il-motivazzjoni, kemm fl-atti tagħha kif ukoll fis-seduta.

### **Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – Hamcho u Hamcho International vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-153/15)**

(2015/C 190/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Mohamad Hamcho (Damasku, is-Sirja) u Hamcho International (Damasku) (rappreżentanti: A. Boesch, D. Amaudruz u M. Ponsard, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### **Talbiet**

- tordna li jiġi prodott il-proċess tal-Kawża T-43/12;
- tirriżerva lir-rikorrenti d-dritt ta' replika u, f'din l-okkażjoni, li jipproduċu dokumenti ġodda u jħarrku xhieda;
- tannulla, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw ir-rikorrenti:
  - ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108 tas-26 ta' Jannar 2015;
  - id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117 tas-26 ta' Jannar 2015;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, il-partijiet jinvokaw żewġ motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-653/11, Jaber vs Il-Kunsill <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, C 58, p. 12.

### **Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – Jaber vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-154/15)**

(2015/C 190/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

#### **Partijiet**

Rikorrent: Aiman Jaber (Lattakia, is-Sirja) (rappreżentanti: A. Boesch, D. Amaudruz u M. Ponsard, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

#### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tordna l-produzzjoni tal-proċess tal-kawża T-653/11;
- tirriżerva d-dritt ta' replika tar-rikorrent u, f'din l-okkażjoni, li jipproduċi dokumenti ġodda u li jiġu m'harrka xhieda;